MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Numru. 209/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jessica Grima]**

**vs**

**Matteo Tedesco**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Matteo Tedesco detentur tal-karta tal-identita` numru 511493(M).

Akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn it-23 ta' Dicembru 2011 u l-24 ta' Dicembru 2011, fil-Mellieha, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioè l-bieb tal-hanut tax-Shoppers liema dannu jammonta ghal 750Ewro, ghad-detriment ta' Charlene Mintoff u persuni ohra.

Rat id-dokumenti; inkuz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu qeghda ssib lill-imputat Matteo Tedesco hati tal-akkuza kif dedotta kotnrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------